MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2012

Numru 769/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs.**

**Helen Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Helen Farrugia ta’ tmienja u hamsin (58) sena, bint Paul u Emanuela nee’ Ciappara, imwielda l-Pieta’ nhar it-12 ta’ Gunju 1954, residenti gewwa 3, Bini tal-Gvern, Telghet Spencer, Marsa u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 482054(M), akkuzata talli:

1. F’dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar xhur u/jew gimghat b’diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe’;

2. Nhar il-24 ta’ Lulju 2012, matul il-jum u cioé bejn is-seba’ u nofs ta’ filghodu u s-siegha ta’ wara nofs inhar, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-kamra numru 109 li tinsab gewwa l-hotel Imperial, Triq Rodolfu, Sliema, kkommettiet serq ta’ flus, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, kif ukoll bil-valur li jeccedi l-232.94 Euro (mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu) u bil-persuna li sar ghad-detriment ta’ Anastasia Motina u/jew ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta’ Art. 261 (b) (c) (d), 265, 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. F’xi hin ta’ bejn l-1 ta’ Lulju u s-7 ta’ Lulju 2012, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-kamra numru 116 li tinsab gewwa l-hotel Imperial, Triq Rodolfu, Sliema, kkommettiet serq ta’ flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bil-valur li jeccedi l-232.94 Euro (mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu) u bil-persuna li sar ghad-detriment ta’ Iuliia Belkova u/jew ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta’Art. 261 (b) (c) (d), 265, 267 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. F’xi hin ta’ bejn it-18 ta’ Lulju u l-21 ta’ Lulju 2012 matul il-jum f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-kamra numru 127 li tinsab gewwa l-hotel Imperial, Triq Rodolfu, Sliema kkommettit serq ta’ flus liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna li sar ghad-detriment ta’ Benedikt Johannes Murer u/jew ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta’ Art. 261 (b)(d), 265 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. F’xi hin ta’ bejn it-18 ta’ Lulju u l-21 ta’ Lulju 2012 matul il-jum f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-kamra numru 225, li tinsab gewwa l-hotel Imperial, Triq Rodolfu, Sliema, kkommettiet serq ta’ flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna li sar ghad-detriment ta’ Betrice Anna Gustafsson u/jew ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta’ Art. 261 (b)(c)(d), 265, 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Nhar il-4 ta’ Lulju 2012, matul il-jum u cioe’ bejn nofs inhar u s-siegha ta’ wara nofsinhar, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-kamra numru 112 li tinsab gewwa l-hotel Imperial, Triq Rodolfu, Sliema, kkommettiet serq ta’ flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bil-

valur li jeccedi l-232.94 Euro (mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu) u bil-persuna li sar ghad-detriment ta’ Anastasia Motina u/jew ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta’ Art. 261 (b)(c)(d), 265, 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Fl-istess perjodu ta’ zmien, laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat u/jew xjentement b’kull mod indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur ta’ Art. 334 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha f’dawn il-proceduri, id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur rigward il-fedina penali tal-imputata u kif ukoll id-dikjarazzjoni tieghu rigward il-fatt li l-Prosekuzzjoni ma kienitx qed tinsisti ghall-piena ta’ prigunerija fil-konfront tal-imputata.

Illi, fir-rigward tas-seba’ (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata, il-Qorti tista’ tikkunsidra tali imputazzjoni bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tal-imputata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata, wara li rat Artikoli 18, 261(b), 261(c), 261(d), 263(a), 265, 267 u 268(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghha, cioé l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet, u tikkundannaha ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem car ir-responsabilita' taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk hija tikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------